MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 1938/2000/1

**Capua Palace Limited**

**v.**

**Joseph u Tessie konjugi Agius, u l-atti kwantu jirreferu ghall-konvenut Joseph Agius, gew trasfuzi f'isem il-konvenuta Tessie Agius, minhabba l-mewt tal-istess Joseph Agius, b'digriet tal-14 ta' Gunju 2001**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenuta Tessie Agius minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru 2007 li cahdet l-eccezzjonijiet taghha u kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, sitta u ghoxrin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm2,026.99)[1]., bl-ispejjez. Ikun opportun li din il-Qorti tirriproduci is-sentenza tal-ewwel Qorti peress illi din fiha t-talbiet tas-socjeta` attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, sunt tal-fatti, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wassluha biex tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici.

"Il-Qorti;

"Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha s-socjeta` attrici esponiet bir-rispett:

"Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici f'bilanc ta' drittijiet professjonali, servizzi medici u ta' sptar, konsultazzjonijiet, servizzi ta' patologija u fisioterapija servizzi ohra;

"Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu anke permezz ta' ittra Ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 1999, dawn baqghu inadempjenti;

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta` attrici kif premess;

"2. tikkundanna u tordna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata dovut ghal servizzi medici u ta' sptar, konsultazzjonijiet, servizzi ta' patologija u fisioterapija u servizzi ohra.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 1999, u bl-imghax, u bir-riserva ta' kull dritt fil-Ligi.

[1] Euro 4,721.62

“Il-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici mahlufa minn Tonio Farrugia, I.D. 638148(M), u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fis-27 ta’ Marzu, 2001 li permezz taghha eccepew:

“Illi d-domandi tal-kumpanija attrici ghandhom jigu michuda peress illi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

“Preliminarjament illi Joseph Agius miet fit-3 ta’ Marzu, 2001.

“Sekondarjament l-eccipjenti Tessie Agius m’ghandhiex ebda obbligu kontrattwali jew legali lejn Capua, u ghalhekk m’ghandhiex thallas xejn lil Capua Palace Ltd.

“Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, Tessie Agius ma nkarigatx lil Capua Palace Ltd sabiex jaghmlu l-intervent in kwistjoni u ghalhekk m’hijiex ukoll risponsabbli ghall-istess.

“Fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-hlas mitlub huwa eccessiv.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa minn Tessie Agius, I.D. 2012223(M), u l-lista tax-xhieda.

“Rat id-digriet tal-14 ta’ Gunju, 2001 u l-verbal tal-istess data li permezz tieghu l-konvenuti rrinunzjaw ghat-tieni eccezzjoni.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Gunju, 2007 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat;

“Illi dan il-kaz ma jipprezentax problemi kbar. Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ghal servizzi medici li nghataw lill-

Joseph Agius illi miet fil-mori tal-kawza. Il-konvenuta dehrilha li m'ghandhiex thallas ghaliex kienu koperti minn polza tas-sigurta. Jirrizulta pero` li s-socjeta` assigurattrici in kwistjoni ma hassithiex obbligata li thallas l-ammonti kollha dovuti mill-konvenuti b'rizultat li l-isptar attur baqa' kopert ghas-somma ta' elfejn, sitta u ghoxrin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm2,026.99) kif jirrizulta mid-Dokument "C" a fol. 7 tal-process.

"Il-Qorti jidhrilha li l-fatt jekk kellhiex is-socjeta` assigurattrici thallas il-kont bilancjali ma jaffetwa xejn l-obbligazzjoni tal-konvenuti li jhallsu l-kont in kwistjoni. Dan ghaliex din il-kwistjoni hija strettament bejn il-konvenuti u s-socjeta` assigurattrici.

"Fir-rigward ta' jekk l-isptar kienx inkarigat biex jaghti s-servizzi in kwistjoni ma hemmx dubju li dawn is-servizzi saru u jekk il-konvenuti kellhom xi problema setghu <u>dak il-hin</u> jitolbu li l-pazjent jigi rikoverat fl-isptar governattiv u mhux hallew is-servizzi jsiru u wara joggezzjonaw kif qeghdin effettivament jaghmlu.

"Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, sitta u ghoxrin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm2,026.99). L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta."

**L-appell tal-konvenuta**

Il-konvenuta hassitha aggravata b'din is-sentenza u interponiet appell minnha.

Fil-qosor, l-aggravji taghha huma s-segwenti:

Skond l-appellanti, l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-eccezzjoni taghha li hija bhala mara mizzewga, mhix responsabbli ghad-dejn ta' natura straordinarju kuntrattat mir-ragel.  Fit-tieni lok, kien biss minhabba accettazzjoni inekwivoka, cara u inkondizzjonata da parti tal-isptar li l-appellanti halliet li l-kura medika ta' Joseph Agius issir fl-isptar Capua. Huwa

dan il-fatt fundamentali li jrid jigi mehud bhala l-bazi ta' din il-kawza u ta' dan l-appell. L-ewwel Qorti ma setghetx taghmel apprezzament gust ta' verzjoni tal-appellanti billi ma nstemghetx *viva voce* mill-Qorti li ddecidiet il-kawza, u ghalhekk hija talbet li terga' tixhed quddiem din il-Qorti (tat-Tieni Istanza).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenuta appellanti talbet ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

**Risposta tas-socjeta` appellata.**

Capua Palace Limited tikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti. L-ewwel aggravju tal-appellanti ma nghatax bhala eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti ghalhekk m'ghandux jitqies fi stadju ta' appell.

Skond l-appellanti, ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-pazjent u l-Isptar hija definita fil-kundizzjoni 4 tal-*Admission Form,* Dok D a fol. 8, u l-posizzjoni tal-assigurazzjoni hija rrilevanti, u l-essenzjali hija r-relazzjoni kontrattwali bejn l-Isptar u l-pazjent. Il-kontestazzjoni li l-Isptar accetta li jibqa' jaghti s-servizzi minkejja li ma kienx hemm, jew seta' ma kienx hemm, kopertura assigurattiva ma giet b'ebda mod ppruvata.

Dwar it-tielet aggravju tal-appellanti, l-atturi wiegbu li ma jezistux l-elementi mehtiega biex it-talba tal-appellanti tintlaqa', u saret referenza ghall-Art. 208 tal-Kap. 12.

**Fatti mertu tal-kawza**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-konvenuta appellanti, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun qabel xejn opportun illi taghti sfond, fil-qosor, tal-fatti mertu tal-kawza in kwistjoni. Is-socjeta` attrici qed titlob hlas ghal servizzi medici li nghataw lill Joseph Agius, ir-ragel tal-appellanti, illum mejjet. Il-konvenuta dehrilha li m'ghandhiex thallas ghaliex kienu koperti minn polza tas-

sigurta`. Min-naha l-ohra s-socjeta` assigurattrici qed tirritjeni li mhiex obbligata li thallas is-somma kollha.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dwar it-tielet aggravju, il-Qorti tirrileva li l-appellanti ma baqghetx tinsisti li hija terga' tixhed quddiem din il-Qorti. Imma anke kieku, l-aggravju taghha ma hux gustifikat billi hija kellha kull opportunita` li titlob lill-ewwel Qorti biex terga' tixhed *viva voice* quddiemha, haga li ma ghamlitx.

Fl-ewwel aggravju taghha l-appellanti tghid li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-eccezzjoni taghha li hija, bhala mara mizzewga, mhiex responsabbili ghad-dejn ta' natura straordinarju kuntrattata mir-ragel.

Jirrizulta mill-atti li din l-eccezzjoni ma gietx imqajma quddiem l-ewwel Qorti kif hawn formulata. Issa, huwa principju assodat fis-sistema guridika taghna li mhux lecitu li parti konvenuta tqajjem eccezzjonijiet godda quddiem din il-Qorti ta' revizjoni meta hija ma tkunx qajmet dik il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti, kemm ghax dan ikun jissorprendi lill-kontro-parti u jipprivaha mid-dritt tad-*doppio esame* kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom il-kontestazzjonijiet ikunu bbazati jkunu ovvjament digà sewwa maghruf lill-appellanti qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti (ara App. **Dingli v. Kontrollur tad-Dwana** tas-27 ta' Marzu 2009).

Madanakollu, u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tosserva wkoll li dan l-aggravju tal-konvenuta ma hux guridikament sostenibbli ghaliex l-ewwel nett ma jirrizultax minn qari tal-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili li servizzi medici jaqghu taht dan l-artikolu bhala atti ta' natura straordinarja, u anke kieku kellhom jigu konsidrati bhala tali, xorta wahda jibqa' l-fatt li kien hemm awtorizzazzjoni u l-kunsens da parti tal-konvenuta biex dawn is-servizzi jinghataw lill-zewgha (Artikolu 1323 Kap. 16). Hi fil-fatt tghid li "halliet li l-kura medika ta' Joseph Agius issir fl-isptar Capua" ghax giet assigurata mill-isptar li zewgha kien kopert bl-assigurazzjoni (ara t-tieni aggravju).

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

It-tieni aggravju tal-appellanti hu proprju l-aggravju dwar il-mertu kollu tal-kawza. Il-konvenuta ssostni li kien fuq l-assigurazzjoni inekwivoka da parti tas-socjeta` attrici u cioe` assigurazzjoni li huma kienu koperti bl-*insurance*, li accetttaw li jiehdu kura fl-isptar privat u mhux imorru fl-isptar tal-Gvern.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-fatt jekk kellhiex is-socjeta` assigurattrici thallas il-kont bilancjali ma jaffetwa xejn l-obbligazzjoni tal-konvenuti li jhallsu l-kont in kwistjoni. Dan ghaliex din il-kwistjoni hija strettament bejn il-konvenuti u s-socjeta` assigurattrici.

Il-konvenuta ghalkemm qablet ma' dak li qalet l-ewwel Qorti, tghid li l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-fatt fundamentali li hija kellha assigurazzjoni mill-isptar li kienu koperti bl-*insurance*. Inoltre meta l-assigurazzjoni ma hallsitx, huma ma gewx infurmati mill-isptar hlief wara li r-ragel taghha hareg mill-isptar u kien tard wisq.

Issa, skond l-*admission document* Dok D a fol. 8 li gie ffirmat minn Joseph Agius hemm stipulat li:

*"When a Third Party or Insurer has undertaken to settle Capua Palace Ltd's account for services rendered to the Patient any sum not paid by the Third Party or Insurer <u>will be payable by the Patient</u>. PATIENTS ARE STRONGLY ADVICED TO CHECK WITH THEIR INSURER THAT THEY HAVE ADEQUATE COVER. Capua Palace Ltd. <u>will endeavour to assist the patient so far as it is able but will not be in a position to confirm the adequacy or otherwise of insurance cover</u>."* (is-sottolinear <u>biss</u> huwa ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in ezami, f'dan id-dokument it-Third Party huwa mnizzel bhala Mr. J. Agius fil-parti fejn hemm Method of Payment.

Phyllis Farrugia, li fiz-zmien in kwistjoni kienet Direttur tal-Capua Hospital, xehdet li huma kellhom dipartiment li

jiehu taghrif dwar il-pazjenti prospettivi u kien jikkomunika mal-pazjent jew mal-qraba tieghu kif ser ihallas tas-servizzi li kien ser jinghata. Fil-kaz tas-Sur Agius kienu rcevew dokumentazzjoni minghand il-kumpanija assigurattrici li accertathom li s-Sur Agius kien assigurat ghat-tip ta' servizzi li kien se jinghata. Hi tkompli tghid li fuq mistoqsija li kienet ghamlitilha Mrs. Agius ikkonfermatilha li l-kumpanija assigurattrici kienet accertathom li l-pazjent kien assigurat u li kienu se jhallsu huma (ara fol 33). Billi s-servizzi li kien jehtieg s-Sur Agius kienu jirrikjedu tul ta' zmiem l-isptar kienu jibghatu *interim bills* lill-assigurazzjoni ghas-servizzi li kien qed jinghata s-Sur Agius. Ghal bidu l-hlasijiet saru imbaghad waqfu wara xi zmien. Meta ghamlet l-accertamenti taghha giet infurmata li s-Sur Agius ma kienx kopert ghat-tip ta' kont li kien mibghut ghan-nom tieghu. Ix-xhud ma ftakritx jekk meta rceviet dan it-taghrif s-Sur Agius kienx ghadu rikoverat l-isptar jew kienx hareg. Billi l-assigurat kien is-Sur Agius hija talbet lill-assigurazjoni biex tgharraf lill-kljent taghha bis-sitwazzjoni li mmaterjalizzat.

Fil-fatt l-assigurazzjoni kienet kitbet lis-Sur Agius li spjegatlu li:
*"Although we have paid in full for the hospital accommodation and theatre charges/consumable, we regret to advise you that you have suffered a shortfall with regards to the professional fees for in-patient consultations, pathology and physiotherapy. The shortfall amounts to Lm 2421.99."*

Ir-raguni ghal din ix-*shortfall* kienet li *"the charges for the cost of treatment incurred <u>are in excess of the benefits limits available on your scheme</u>".*

Ghalhekk jirrizulta li ghalkemm huwa veru li s-Sur Agius kien kopert bl-assigurazzjoni, u dan kif ikkonfermat mill-istess assigurazzjoni kif ukoll minn Phyllis Farrugia, irrizulta pero` li l-*cost* tat-*treatment* li ha s-Sur Agius kien jaqbez il-beneficcji li huwa kien intitolat ghalihom taht il-polza, u l-assigurazzjoni hallset biss dak li kien kopert bil-polza.

L-assigurat kien is-Sur Agius u kien l-obbligu tieghu, kemm bhala assigurat, kif ukoll wara li ffirma d-dokument D, *to check with the insurer that (he has) adequate cover.* Ghalkemm l-isptar kien lest li jassisti l-pazjent, huwa ma ntrabatx *"to confirm the adequacy or otherwise of the insurance cover"*. Dan kien id-dover tas-Sur Agius.

Il-konvenuta tallega li l-isptar kien jaf li l-assigurazzjoni ma kientix se thallas u kompliet taghti servizz. L-ewwel nett fl-atti processwali ma hemm ebda prova li l-atturi komplew jaghtu s-servizz meta kienu jafu li l-assigurazzjoni ma rieditx thallas. Li jirrizulta huwa li s-Sur Agius gie *admitted* l-isptar fid-29 ta' Mejju 1998 (ara fol. 5) u gie *discharged* fil-14 ta' Lulju 1998 (ara fol. 6). Gew esebiti zewg kontijiet *interim,* u wiehed *interim u final* li jgibu d-dati 23 ta' Gunju, 6 ta' Lulju u 14 ta' Lulju 1998 rispettivament (a fol. 5 sa 7). Il-kontijiet kienu thallsu kollha mill-assigurazzjoni hlief dawk li kienu jeccedu l-beneficcju kopert bil-polza. L-isptar dan ma setax jivverifikah, u lanqas kien obbligat skond il-kuntratt li kellu, u kien ghalhekk li nforma lis-Sur Agius biex jiccekkja ma' l-assigurazzjoni li eventwalment tawh ir-raguni ghaliex ma kienux hallsu.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li f'dan il-kaz l-azzjoni tas-socjeta` attrici hija ghall-hlas ghas-servizz mediku pprovvdut lil Joseph Agius li hu ffirma ghalih fid-dokument fuq imsemmi. Il-kuntratt ghal dan is-servizz kien biss bejn l-isptar u l-pazjent u l-fatt li l-konvenuti kienu koperti b'assigurazzjoni biss sa certu ammont ma jfissirx li d-debitur principali u/jew il-werrieta tieghu jigu ezonerati mill-obbligi kuntrattwali fil-konfront tal-kreditur. Il-kliem fil-kuntratt huma cari: *"When a Third Party or Insurer has undertaken to settle Capua Palace Ltd's account for services rendered to the Patient any sum not paid by the Third Party or Insurer will be payable by the Patient."* Il-pazjent u t-Third Party f'dan il-kaz kien is-Sur Agius. Ovvjament jibqa' rizervat favur il-konvenuta kwalsiasi jedd ta' azzjoni li jista' jkollha kontra l-kumpanija assigurattrici.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad l-aggravji kollha tal-konvenuta appellanti billi dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjez kollha ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------